# Sagristan (Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Żabbar)

Is-Sagristan jirrapporta lill-Arċipriet u jieħu ordnijiet biss mingħandu. Il-kandidat magħżul għandu jara li l-attivitajiet ta' kuljum tal-Parroċċa jimxu b'mod tajjeb. Dan jinkludi:

- Il-ħidma fil-knisja.
- It-tħejjija tal-artal u l-knisja għall-Quddiesa u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi differenti.
- It-tħejjija tal-knisja u l-għoti ta' għajnuna meħtieġa b'rabta ma' ċelebrazzjonijiet li jinkludu funerali, tiġijiet, magħmudijiet, festi, u ċelebrazzjonijiet oħra.
- Jilqa' gruppi li jżuru l-Parroċċa.
- Jagħmel tiswijiet u manutenzjoni ordinarja, kif ukoll il-manutenzjoni ġenerali tal-knisja.

L-impjieg huwa fuq bażi full-time.

Il-kandidat huwa mistenni li:

- ikollu l-għarfien meħtieġ għat-tħejjija taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi (inkluż il-kotba liturġiċi meħtieġa, ilbies, u oġġetti oħra użati waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi).
- ikun kapaċi jikkomunika kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.
- ikollu ħiliet interpersonali u komunikazzjoni tajba.
- ikun kapaċi jaħdem f'tim, kif ukoll fuq inizjattiva tiegħu stess b'superviżjoni minima.
- ikun motivat u lest li jwettaq ix-xogħol b'mod effettiv, effiċjenti, flessibbli u b'interess.
- ikun leali lejn l-interess tal-Knisja u jwettaq il-ħidma tiegħu b'integrità u responsabbiltà.
- ikollu liċenzja tas-sewqan valida.
- ikun konxju tal-miżuri neċessarji għas-saħħa u sigurtà.
- jara li jinżamm ambjent xieraq u dekoruż, kemm bl-imġieba tiegħu stess kif ukoll bl-imġieba ta' kull min ikun fil-knisja.

Persuni interessati għandhom jissottomettu d-dokumenti msemmija hawn taħt, fuq hr@maltadiocese.org sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2023:

- Ittra ta' applikazzjoni
- CV dettaljat
- Kopja scanned taċ-ċertifikati
- Isem u indirizz elettroniku ta' żewġ referees